Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (rikorrenti) Earli Limited (C8094) vs Jason Galea (KI 428974M) fil-25 ta' Mejju, 2020, ir-rikorrenti Earli Limited (C8094) talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

By means of an application before the First Hall of the Civil Court, in the names (applicant) Earli Limited (C8094) vs (respondent) Jason Galea (ID 428974M) filed on the 25th May, 2020, the applicant Earli Limited (C8094) requested this Honourable Court:

Tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

To issue a Warrant of Eviction against the respondent (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to do this till this day.

Fond:49, Flat 3, Triq San Patrizju, Il-Belt Valletta, Malta

Premises: 49, Flat 3, Triq San Patrizju, Valletta, Malta

Sentenza: Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, referenza numru 956/2019 JVC fl-ismijiet Earli Limited (C8094) vs Jason Galea (KI 428974M), deċiża fis-6 ta' Frar, 2020 (vide Dok. A), liema sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet in ġudikat (vide Dok. B). Minkejja din is-sentenza, l-intimat għadu qed jokkupa l-fond de quo b'mod illegali u abbużiv, u għalhekk kellu jintalab il-ħruġ tal-mandat odjern.

Judgment: Judgment of the First Hall of the Civil Court reference number 956/2019 JVC in the names Earli Limited (C8094) vs Jason Galea (ID 428974M) decided on the 6th February, 2020 (Doc. A), which judgement was not appealled and thus has become res gudicata (Doc. B). Despite this judgement, the respondent is still occupying the premises de quo illegally and abusively, and therefore the issue of the said warrant had to be requested.

Illum 25 ta' Mejju, 2020

Today 25th May, 2020

Ippreżentant mill-Avukat Dr Natalino Caruana De Brincat u mill-Prokuratur Legali Daniel Aquilina

Filed by Advocate Dr Natalino Caruana De Brincat and Legal Procurator Daniel Aquilina

Mandat ta' Żgumbrament

Warrant of Eviction

Repubblika ta' Malta

Republic of Malta

Mandat tal-Qorti

Court Warrant

Lill-Marixxall tal-Qorti

To the Court Marshall

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Imħallef Onor. Robert G. Mangion, LLD.

Given by the First Hall of the Civil Court above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD.

Illum 25 ta' Mejju, 2020

Esekuzzjoni: 49, Flat 3, Triq San Patrizju, Il-Belt Valletta

Notifika: Jason Galea, 49, Flat 3, Triq San Patrizju, Il-Belt Valletta

Rikorrenti: Earli Limited (C8094), 237, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara (Malta)

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Novembru, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 25th May, 2020

Execution: 49, Flat 3, Triq San Patrizju, Valletta

Notifiction: Jason Galea, 49, Flat 3, Triq San Patrizju, Valletta

Applicant: Earli Limited (C8094), 237, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara (Malta)

Registry of the Superior Courts, today 6th November, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1464

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-28 ta' Lulju, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3799/2019, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Simon Tabone et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Andrea Muscat tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Simon Tabone (KI 199779M) u Andrea Muscat (KI 425586M) ta' Franmar Court, Flat 12, Triq Dun Ġużepp Gonzi, Ħal Tarxien, fit-30 ta' Settembru, 2019, Bank of Valletta plc ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, il-Belt Valletta VLT 1190, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu flimkien u in solidum bejnietkom is-somma ta' €79,676.21 bilanċ għad-debitu fil-House Loan Accounts tagħkom mal-Bank of Valletta flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Settembru, 2019, sal-jum tal-pagament effettiv.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu, hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Novembru, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 28th July, 2020, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 3799/2019 in the names Bank of Valletta plc vs Simon Tabone et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Andrea Muscat in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Simon Tabone (ID 199779M) and Andrea Muscat (ID 425586M) of Franmar Court, Flat 12, Triq Dun Ġuzepp Gonzi, Ħal Tarxien, on the 30th September, 2019, Bank of Valletta plc of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, solicits you so that within two days you pay together and in solidum between you the sum of €79,676.21 balanc of debt in your House Loan Accounts with Bank of Valletta plc, together with further interest from the 23rd September, 2019, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today 6th November, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1465

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Awwissu, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 780/2020, fl-ismijiet No Deposit Cars Malta Limited vs Zlatina Bozhinova ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Zlatina Bozhinova a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

By means of a decree of the 7th August, 2020, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 780/2020 in the names No Deposit Cars Malta Limited vs Zlatina Bozhinova the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Zlatina Bozhinova in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Illum 21 ta' Mejju, 2020

Lil Zlatina Bozhinova (KI 157440A) ta' 261, Emerald Crest, Triq Swieqi, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti No Deposit Cars Malta Limited (C85780) ta' Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, qiegħed tirrendi eżegwibbli s-segwenti kambjali, liema kambjali jġibu t-total ta' €8,400 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok. 1), liema kambjali huma naxxenti minn ftehim ta' Hire and Purchase ffirmat bejn il-partijiet fil-25 ta' April, 2019 (kopja ta' liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata Dok. 2) u huma s-segwenti:

1. Il-kambjala numru 2 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Mejju, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

2. Il-kambjala numru 3 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Ġunju, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

3. Il-kambjala numru 4 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Lulju, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

4. Il-kambjala numru 5 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Awwissu, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

5. Il-kambjala numru 6 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Settembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

6. Il-kambjala numru 7 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Ottubru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

7. Il-kambjala numru 8 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Novembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

8. Il-kambjala numru 9 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Diċembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx

Today 21st May, 2020

To Zlatina Bozhinova (ID 157440A) of 261, Emeral Court, Triq Swieqi, Swieqi

By the present, No Deposit Cars Malta Limited (C85780) of Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan (hereinafter referred to as the company) is hereby executing and enforcing the following bills of exchange, which bills of exchange are of the total amount of €8,400 (a copy of which bills of exchange is being herein attached and marked as Doc. 1), which bills of exchange have been signed by virtue of the Hire and Purchase agreement dated 25th April, 2019, between the parties (a copy of which is being herein attached and marked as Doc 2) and are as follows:

1. Bill of exchange number 2 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th May, 2019, and which sum has to date not been paid;

2. Bill of exchange number 3 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th June, 2019, and which sum has to date not been paid;

3. Bill of exchange number 4 the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th July, 2019, and which sum has to date not been paid;

4. Bill of exchange number 5 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th August, 2019, and which sum has to date not been paid;

5. Bill of exchange number 6 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th September, 2019, and which sum has to date not been paid;

6. Bill of exchange number 7 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th October, 2019, and which sum has to date not been paid;

7. Bill of exchange number 8 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th November, 2019, and which sum has to date not been paid;

8. Bill of exchange number 9 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th December, 2019, and which sum has to date not been paid;

9. Il-kambjala numru 10 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Jannar, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

10. Il-kambjala numru 11 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Frar, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

11. Il-kambjala numru 12 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittenti, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Marzu, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

12. Il-kambjala numru 13 fl-ammont ta' €700.00 maħruġa mill-intimata favur il-mittent, liema kambjala skadiet fil-25 ta' April, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tigi notifikata lilek ai termini tal-Artikou 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk inti ma topponix għall-esekuzzjoni tal-fuq imsemmija kambjali fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, permezz tal-preżentata ta' rikors fl-atti tal-preżenti att, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħek u għalhekk il-kreditu vantat mill-mittenti fil-konfront tiegħek ikun eżegwibbli minnufih.

Minkejja li inti gejt mitluba tħallas l-ammont surreferiti lill-mittenti skont il-Payment Schedule (hawn annesa u mmarkata Dok. 3) u permezz ta' Statement (anness bħala Dok. 4) inti bqajt inadempjenti u għalhekk kellha tiġi adottata din il-proċedura kontra tiegħek.

Fin-nuqqas is-soċjetà mittenti se tipprocedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr preavviż ieħor sabiex tinforza t-titolu eżekuttiv tagħha.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjai sal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum s-6 ta' Novembru, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

9. Bill of exchange number 10 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th January, 2020, and which sum has to date not been paid;

10. Bill of exchange number 11 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th February, 2020, and which sum has to date not been paid;

11. Bill of exchange number 12 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th March, 2020, and which sum has to date not been paid;

12. Bill of exchange number 13 in the amount of €700.00 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 25th April, 2020, and which sum has to date not been paid;

This judicial letter is being notified to you in accordance with Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta and if you do not oppose the execution of the above bills of exchange within twenty (20) days from notification of the judicial letter by means of an application filed in the acts of the present judicial act, this judicial letter shall be rendered an executive title against you and therefore the credit being claimed by the Company shall become immediately executable.

Notwithstanding that you have been requested to pay the interpellant according the Payment Schedule (here attached and marked as Doc. 3) and by means of a Statement of Contract (attached and marked as Doc. 4) you have nonetheless remained in default and therefore the Company had to resort to filing this judicial letter against you.

In default the Company shall be proceeding in terms of law without further notice in order to enforce its executive title.

With expenses and legal interest from the expiration of the bills of exchange until effective date of payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th November, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1466

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-20 ta' Frar, 2019, fl-atti tar-Rikors 30/2016,fl-ismijiet Emanuel Farrugia vs Direttur tal-Uffiċċju Kongunt et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree given, by the Constitutional Court, on the 20th February, 2019, in the records of the Application 30/2016, in the names Emanuel Farrugia vs Director of the Joint Office et, the following publication was ordered for the

konfront ta' Emanuel Farrugia, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti Kostituzzjonali, Rikors għar-Ritrattazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, ir-rikorrenti Awtorità tal-Artijiet esponiet bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti jiddetjeni b'titolu ta' qbiela mingħand l-intimat Direttur ta'l-Uffiċċju Konġunt, ir-raba' denominat 'Ta' Hruf' magħruf ukoll bħala 'Ta' Majru' fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta,

2. Illi minkejja dan l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, b'mod mill-aktar abbużiv, arbitraju u sorprendenti, fl-24 ta' Frar, 2012, ħareġ Ordni ta' Żgumbrament kontra r-rikorrent fejn ordnalu jivvaka minn din ir-raba',

3. Illi skont il-liġi ordni ta' żgumbrament li ssir bħala fil-każ odjern in virtu tal-Artikoli 3(1) tal-Kap. 228 moqri flimkien mal-proviso tal-Artikolu 2 tal-Kap. 169 setgħet dak iż-żmien tintuża biss fil-każ ta' art okkupata mingħajr ebda titolu;

… omissis …

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-Ordni ta' Żgumbrament kif maħruġa mil-intimat Kummissarju tal-Artijiet, fl-24 ta' Frar, 2012, hi nulla u mingħajr effett u għalhekk għandha tiġi kanċellata,

… omissis …

Illi b'sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru, 2017, fl-ismijiet premessi, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Guridsdizzjoni Kostituzzjonali) ddeċidiet il-kawża kif ġej,

Għal dawn il-motivi il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti tiddikjara li l-Ordni ta' Żgumbrament maħruġ fl-24 ta' Frar, 2012, huwa leżiv tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq u għalhekk huwa null u mingħajr effett u konsegwentement tpoġġi lill-partijiet fl-istat illi kien qabel il-ħruġ ta' dan il-mandat.

Illi l-Awtorità tal-Artijiet ħassitha aggravata bis-sentenza u interponiet appell minnha quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali,

Illi b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2018, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet;

Decide

41. Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell limitatament billi tħassar dik il-parti tad-decide li tgħid hekk,

purpose of service of Emanuel Farrugia, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application,filed, in the Constitutional Court, Application for a New Trial of the Lands Authority, the applicant Lands Authority respectfully pleaded:

1. That the applicant holds by title of agricultura lease from the Director of the Joint Office, the field known a 'Ta' Hruf'known also as 'Ta' Majru' in the limits of Ħaż-Żebbuġ, Malta,

2. That despite of this the respondent Commissioner of Lands, in the most abusive, arbitrary and surprising manner on the 24 th February, 2012, issued an Eviction Order against the applicant where he was ordered to vacate this land,

3. That according to law an eviction order which takes place as in the present case in virtue of Article 3(1) of Cap 228 read together with th proviso of Article 2 of Cap 169, could at that time be used only in the case of land occupied without any title;

… omissis …

The applicant asked the Court,

1. To declare that the Warrant of Eviction as issued by the respondent Commissioner of Lands, on the 24th February, 2012, is null and without effect and thus should be cancelled,

… omissis …

That by a judgement given on the 24th October, 2017, in the names premised the Honourable First Hall Civil Court (Voluntary Jurisdiction) decided the cause as follows,

For these motives the Court decides by whilst rejecting all the pleas of the respondents it uphold's the applicant's demands declare that the Eviction Order issued on the 24 th February, 2012, violates the fundamental right of the applicant to a fair hearing and is thus null and without effect and consequently puts the parties in the state in which they were before the issue of this warrant.

That the Lands Authority felt aggrieved by the judgement and filed an appeal from it before the Honourable Constitutional Court,

That by a judgement given on the 13th July, 2018, the Honourable Consitutional Court decided,

Decide

41. For these motives it upholds the appeal limitedly by cancelling that part of the decide which states so,

'Inoltre bħala parti mir-rimedju xieraq mitlub mir-rikorrenti tordna illi ebda Mandat ta' Żgumbrament jew proċedura oħra simili li jxekklu d-drittijiet tar-rikorrenti fuq l-art inkwistjoni ma jittieħdu mill-intimati jew Awtorità oħra ekwivalenti, qabel ma jiġi deċiż finalment mill-Qrati tal-Pajjiż, it-titolu tar-rikorrenti fuq l-art in kwistjoni',

u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Illi l-Awtorità tal-Artijiet tissottometti illi hemm raġunijiet validi fil-liġi għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju tal-Appell ai termini tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament ai termini tas-subinciz (i) u (e),

… omissis …

Illi bis-sentenza mogħtija l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ħolqot sitwazzjoni li biha tat il-vija libera lil-Awtorità tal-Artijiet biex tipproċedi bl-Ordni ta' Żgumbrament ai termini tal-liġi u skont is-setgħat mogħtija lilha mil-liġi, stante li ma ġietx imħassra baqgħet tapplika dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Istanza li riintegrat lir-rikorrent fil-pussess tal-art inkwistjoni. Dawn huma dispożizzjonijiet kontra xulxin fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2018.

… omissis …

Għaldaqstant l-esponenti Awtorità tal-Artijiet, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti wara li twarrab u tħassar is-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2018, fl-ismijiet premessi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet imfissra fir-rikors tilqa' t-talba tal-Awtorità tal-Artijiet u tordna s-smigħ mill-ġdid tal-kawża fi stadju tal-Appell, bil-għan li d-decide mhux biss ikun komaptibbli mal-liġi rilevanti u mas-setgħat li għandha l-Awtorità tal-Artijiet, in forza tal-liġi iżda wkoll biex titneħħa l-istalemate li kkawżat is-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2018, ta' din l-Onorabbli Qorti u tiċħad it-talba tar-rikorrenti li seħħet vjolazzjoni ta'l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Dritijiet tal-Bniedem.

Ir-Rikors fl-ismijiet Emanuel Farrugia vs Direttur tal-Uffiċċju Kongunt et, Rikors numru 30/2016, jinsab differit għas-smigħ ghat-30 ta' Novembru, 2020, fid-9.00 a.m.

Notifika: Emanuel Farrugia, Djamant Farmhouse, tal-Larinġ, limiti tas-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Sede Kostituzzjonali) illum 6 ta' Novembru, 2020

AV. FRANK PORTELLI,LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

'Furthermore as a part of the reasonable remedy demanded by the applicant orders that no warrrant of eviction or other similar procedure which obstruct the rights of the applicant on the land in question be taken by the respondents or other equivalent authority, before the title of the applicants on the land in question, is finally decided by the Courts of the Country',

and confirm the rest of the judgement appealed.

That the Lands Authority submits that there are valid reasons at law for the new hearing of the cause at an appeal stage in terms of Article 811 of Cap. 12 of the Laws of Malta, specifically in terms of subsection (i) and (e),

… omissis …

That by the judgement given the Honourable Consitutional Court created a situation in virtue of which the Lands Authority was given a free hand to proceed with the Eviction Order in terms of Law and according to the powers given to it by law, since it was not cancelled there remained applicable that part of the judgement in First Instance which reintegrated the applicant in possession of the land in question. These are contrary dispositions in the judgement of the 13th July, 2018.

… omissis …

Thus the applicant Lands Authority, respectfully prays this Honourable Court to remove and cancel the judgement of the 13th July, 2018, in the names premised given by this Honourable Court for the reasons explained in the application, uphold the demand of the Lands Authority and order the new hearing of of the cause at an Appeal stage with the purpose that the decide is not only compatible with the relevant provisions of the law and with the powers of the Lands Authority, in virtue of the law but also to remove the stalemate that the judgemen of the 13th July, 2018, of ths Honourable Court caused and reject the applicant's demand that there occurred a violation of Article 6(1) of the European Convention of Human Rights.

The Application in the names Emanuel Farrugia vs Director of the Joint Office et, Application number 320/2016, has been deferred for hearing to the 30th November, 2020, at 9.00 a.m.

Notify: Emanuel Farrugia, Djamant Farmhouse , tal-Larinġ, limits of Siġġiewi

Registry of the Superior Courts, (Constitutional Jurisdiction), today 6th November, 2020

ADV. FRANK PORTELLI,LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-4 ta' Novembru, 2020 fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 6 ta' Lulju, 2021 fil-ħdax ta' filgħodu (11:00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-flat internament immarkat bin-numru wieħed (1) li jinsab fit-tieni sular (first floor level) u li jinsab fuq ix-xellug meta tħares lejn il-faċċata tal-blokk mit-triq, liema flat jifforma parti minn blokka ta' bini mingħajr numru, bl-isem 'Dajenu Apartments', fi Triq Mikiel Calleja, li tagħti għal Triq San Tumas, Ħal Tarxien, liema blokka ta' bini fl-intier tiegħu ġie mibni fuq tliet plots formanti parti mill-artijiet u magħrufa bħala 'Ta' Zilfa', liema blokka tikkonfina mill-Punent mal-imsemmija triq u mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' L. Spiteri and Sons Contractors Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, inkluż ukoll prorata l-partijiet komuni l-entrata, indana, taraġ, tromba tat-taraġ, pjanijiet, sistema tad-drains u drenaġġ, lift, xafts, rampa u drive-in tal-kumpless tal-garaxxijiet, dawl fil-partijiet komuni u l-partijiet u servizzi kollha komuni tal-blokka bini li huma intiżi għall-użu komuni tas-sidien tal-flats u garaxxijiet tal-blokka, però eskluż il-bejt u l-arja sovrastanti l-imsemmi blokka li ma humiex parti mill-partijiet komuni stmat li jiswa mija u tlieta u tmenin elf ewro (€183,000).

u

Il-basement garage, internament immarkat bin-numru tmienja (8), liema garaxx huwa aċċessibbli mir-rampa komuni u mid-drive in li jagħtu għat-Triq Mikiel Calleja li tagħti għal Triq San Tumas, liema basement garage jifforma parti minn blokka ta' bini mingħajr numru, bl-isem 'Dajenu Apartments' fi Triq Mikiel Calleja li tagħti għal Triq San Tumas, Ħal Tarxien, liema blokka ta' bini fl-intier tagħha ġiet mibnija fuq tliet plots formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala 'Ta' Zilfa', liema blokka tikkonfina mill-Punent mal-imsemmija triq mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' L. Spiteri and Sons Contractors Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu. Il-garaxx jikkonfina mit-Tramuntana mal-imsemmija triq u mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' L. Spiteri and Sons Contractors Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu stmat li jiswa sebgħa u għoxrin elf ewro (€27,000).

Il-flat u l-garaxx huma liberi u battala, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Scerri Raymond (KI 605960M).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 4th November, 2020, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 6th July, 2021, at eleven in the morning (11:00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Valletta, of the following property:

The flat internally numbered one (1) situated on the second floor, being the flat on the left hand side when facing the block from the street, which flat form part of an unnumbered block of buildings named 'Dajenu Apartments' , in Triq Mikiel Calleja, abutting onto Triq San Tumas, Ħal Tarxien, which entire block has been built upon three (3) plots forming part of the lands known as 'Ta' Zilfa', which block is bound from the west by the said street, and from all other compass point by property of L. Spiteri and Sons Contractors Limited or its successors in title, including pro rata of common parts, entrance, entrance hall, staircase, stairwell, landings, drains and drainage system, lift, shafts, ramp and drive in of the garage complex, lighting in the common parts and in general of all parts and services of the block which are destined for the common use and for the common utility by the owners of the flats and garages in the block, excluding the roof and the airspace overlying the block which are not a common part valued at one hundred and eighty three thousand euro (€183,000).

and

Basement level garage, internally numbered eight (8), which garage is accessible from common ramp and drive in, in Triq Mikiel Calleja, abutting onto Triq San Tumas, Ħal Tarxien, the basement garage forms part of an unnumbered block of buildings named 'Dajenu Apartments', which entire block has been built upon three (3) plots forming part of the lands known as 'Ta' Zilfa', which block is bound from the west by the said street, and from all other compass point by property of L. Spiteri and Sons Contractors Limited or its successors in title or more correct boundaries. The garage is bounded on north with the said street and from all other compass point by property of L. Spiteri and Sons Contractors Limited or its successors in title. The garage is bounded on the North with the said street and from all other compass point by property of L. Spiteri and Sons Contractors Limited or its successors in title valued at twenty seven thousand euro (€27,000).

The apartment and the basement garage are free and vacant, with all its rights and appurtenances.

The said tenement is the property of Scerri Raymond (ID 605960M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 53/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 5 ta' Novembru, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 53/2016.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 5th November, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1468

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 2019, fuq talba ta' Victor Stivala et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw is-sidien tad-dirett dominju mhux magħruf fl-atti taċ-ċedola numru 2197/2019 fl-ismijiet Victor Stivala et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Victor Stivala, pensjonant, bin il-mejtin Antonio u Susanna née Chetcuti (KI 910848M), Marvic Stivala, iben Victor Stivala u Mary Stivala (KI 12684M), Antoine Agius, iben Nazzareno u Giovanna née Aquilina (KI 208286M), Diandra Fenech, bint Emanuel Fenech u Jane née Zahra (KI 44188M), Victor Mario Gafa, iben Emanuel u Maria Victoria née Cassar (KI 434279M), Denise Zammit, bint Joseph Zammit u Mary née Bonavia, (KI 574684M), Paul Bugeja, iben Joseph u Antonia née Lofreda (KI 335783M) u Audrey Griffin, bint George Griffin u Rose née Falzon (KI 431985M) vs kuraturi deputati in rappreżentanza tas-sidien tad-dirett dominju mhux magħrufa prezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-20 ta' Novembru, 2019, ir-rikorrenti Victor Stivala, Marvic Stivala, Antoine Agius, Diandra Fenech, Victor Mario Gafa, Denis Zammit, Paul Bugeja u Audrey Griffin esponew bir-rispett:

Illi d-depożitant Victor Stivala akkwista porzjon indiviż minn porzjon diviż ta' art magħrufa ta' San Ġwann tal-Andar, kontrada ta' San Ġwann limiti tan-Naxxar, tal-kejl komplessiv ta' 2577m/k suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm90 permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Vella u redatt fl-20 ta' Mejju, 1982 (kuntratt ta' bejgħ anness u mmarkat Dok. A);

Illi wara li nbiegħu ammont ta' porzjonijiet mill-imsemmija art kien għad fadal 4 porzjonijiet in komuni li permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni redatt min-Nutar Dr Angelo Vella fil-5 ta' Jannar, 1985, id-depożitant Victor Stivala ġie

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd November, 2019, following a request by Victor Stivala et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners of the directum dominium in the acts of the schedule of deposit number 2197/2019 in the names Victor Stivala et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent filed in the First Hall of the Civil Court, in the names Victor Stivala, pensioner, son of the late Antonio and Susanna née Chetcuti (ID 910848M), Marvic Stivala, son of Victor Stivala and Mary Stivala (ID 12684M), Antoine Agius, son of Nazzareno and Giovanna née Aquilina (ID 208286M), Diandra Fenech, son of Emanuel Fenech and Jane née Zahra (ID 44188M), Victor Mario Gafa, son of Emanuel and Maria Victoria née Cassar (ID 434279M), Denise Zammit, daughter of Joseph Zammit and Mary née Bonavia, (ID 574684M), Paul Bugeja, son of Joseph and Antonia née Lofreda (ID 335783M) and Audrey Griffin, daughter of George Griffin and Rose née Falzon (ID 431985M) vs deputy curators to represent the unknown owners of the directum dominium, filed on the 20th November, 2019, the applicants respectfully submitted:

The depositor Victor Stivala acquired a undivided portion from a divided portion of land known as San Ġwann tal-Andar, in the vicinity of San Ġwann in the limits of Naxxar of a total measurement of 2577 square meters subject to the annual and perpetual groundrent of Lm90 by means of a deed of sale in the records of Notary Doctor Angelo Vella drawn up on the 20th May, 1982 (deed of sale attached and marked as Doc. A);

Subsequent to the sale of a number of portions of the said land, there remained four portions in common which by means of a deed of division drawn up by Notary Doctor Angelo Vella on the 5th January, 1985, the depositor Victor

assenjat il-plots numru 1 b'kejl ta' ċirka 189m/k u 5 kejl ta' 395m/k, suġġetti għal ċens ta' Lm4 kull wieħed (kuntratt ta' diviżjoni anness u markat Dok. B);

Illi d-depożitant Victor Stivala żviluppa l-plot numru 5 u ċjoè garaxx parzjalment taħt il-livell tat-triq, kif ukoll maisonette numerata 153 soprastanti l-imsemmi garaxx u blokka apartamenti li tikkonsisti f'2 appartamenti u penthouse, numerata 155.

Illi d-depożitant Victor Stivala biegħ il-maisonette llum numru 153 bl-isem Fineja, soprastanti l-garaxx mibni fuq il-plot numru 5 lid-depożitanti Paul Bugeja u Audrey Griffin permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dr John Spiteri fis-16 ta' Novembru, 2007 (kuntratt anness u mmarkat Dok. C).

Illi d-depożitant Victor Stivala biegħ lid-depożitanti Victor Mario Gafa u Denise Zammit l-appartament numru 1 li jifforma parti mill-blokka ta' appartamenti llum numru 155, Stivala Court, Triq Jean De La Vallette, In-Naxxar, permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dr Patrick Critien fl-1 ta' April, 2010 (kuntratt anness u mmarkat Dok. D).

Illi d-depożitant Victor Stivala biegħ lid-depożitanti Antoine Agius u Diandra Fenech, l-appartament internament numerat 2 li jifforma parti mill-blokka ta' appartamenti llum numru 155 Stivala Court, Triq Jean De La Vallette, In-Naxxar, permezz ta' kuntratt redatt min Nutar Dr John Spiteri fit-23 ta' Settembru, 2008 (kuntratt anness u mmarkat Dok. E).

Illi d-depożitant Victor Stivala ta b'titolu ta' donazzjoni lil ibnu Marvic Stivala, il-penthouse internament numerata 3 li tifforma part mill-blokka ta' appartamenti numru 155 Stivala Courts, Triq Jean De La Vallette, In-Naxxar, permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr John Spiteri redatt fil-21 ta' Marzu, 2007 (att anness u mmarkat Dok. F).

Illi s-somma ta' Lm4 li huma ekwivalenti għal €9.32 rappreżentanti ċ-ċens dovut kapitalizzat bil-5% jammonta għal €186.40.

Għaldaqstant in forza tal-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tal-istess Qorti qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €233 rappreżentanti pagament ta' ċens għall-aħħar ħames snin fl-ammont ta' €46.60 flimkien ma' €186.40 għal fidi ta' dan iċ-ċens, sabiex tiġi liberament żbankata kif indikat hawn fuq mill-intimati kontra r-rilaxx tas-solita riċevuta skont il-liġi

Esponenti: Victor Stivala, 14, Marlou, Triq Lord Byron, In-Naxxar

Stivala was assigned the plots number 1 measuring about 189 square meters and 5 measuring 395 square meters subject to the groundrent of Lm4 each (deed of division attached and marked as Doc. B);

That the depositor Victor Stivala developed the plot number 5 and built a garage partially under the street level, and also maisonette number 153 overlying the said garage and a block of appartments that consists of two appartments and penthouse, numbered 155.

The depositor Victor Stivala sold and transferred the maisonette today numbered 153 with the name Fineja, overlying the garage built on plot number 5 to the depositor Paul Bugeja and Audrey Griffen, by means of a contract in the records of Notary Doctor John Spiteri drawn on the 16th November, 2007 (deed of sale attached Doc. C);

The depositor Victor Stivala sold to the depositors Victor Mario Gafa and Denise Zammit the appartment numbered 1 that forms part of the block of appartments today numbered 155 Stivala Court, Triq Jean De La Vallette, Naxxar, by means of a contract in the records of Notary Dr Patrick Critien drawn on the 1st April, 2010 (deed of sale attached Doc. D);

The depositor Victor Stivala sold to the depositors Antoine Agius and Diandra Fenech, the appartment internally numbered 2 that forms part of the block of appartments today number 155, Stivala Court, Triq Jean De La Vallette, Naxxar, by means of a contract in the records of Notary Doctor John Spiteri drawn on the 23rd September, 2008 (deed of sale attached Doc. E);

That the depositor Victor Stivala gave by title of donation to his son Marvic Stivala the penthouse internally marked number 3 that forms part of the block of appartments numbered 155, Stivala Court, Triq Jean De La Vallette, Naxxar, by means of a contract of donation in the records of Notary Doctor John Spiteri drawn on the 21st March, 2007 (Act attaced Doc. F).

The sum of Lm4 that is equivalent to €9.32 representing the groundrent due capitalised at the rate of 5% amounts to €186.40.

Thus in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €233 that includes the arrears of the last five years of groundrent in the amount of €46.60 together with €186.40 for the redemption of the annual and perpetual groundrent to be freely withdrawn as above mentioned by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

applicant: Victor Stivala 14, Marlou, Triq Lord Byron, Naxxar

Intimati: Qrati Superjuri, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Notifika Ulterjuri: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa , Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Novembru, 2019

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Novembru, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali.

Respondents: Superior Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta

Notification: Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd November, 2019

Registry of the Superior Courts, today 6th November, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1469

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fl-24 ta' Settembru, 2020, Rikors numru 1178/2020, minn Paul Agius, Mario Agius, Francis Agius u Mary Rose Mc Guirk fejn talbu li tigi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kul wieħed u waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' ommhom Maria Stella Agius, armla ta' Joseph Agius, bint Paul Borg u Rosina née Martin, imwielda l-Ħamrun, Malta, kienet residenti San Ġwann, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fit-23 ta' Ġunju, 2020, ta' 94 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0430425M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 24th September, 2020, Application number 1178/2020 by Paul Agius et whereby they requested that it will be declared open in favour of Paul Agius, Mario Agius, Francis Agius and Mary Rose Mc Guirk in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the Succession of their mother Maria Stella Agius, widow of Joseph Agius, daughter of Paul Borg and Rosina née Martin, born in Ħamrun, Malta, and resided in San Ġwann, Malta, and died in Msida, Malta, on the 23rd June, 2020, aged 94, and who held identity card number 0430425M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 6 ta' Novembru, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 6th November, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1470

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-16 ta' Ottubru, 2020, Rikors numru 1326/2020, minn Eduardo Depasquale et fejn talbu li tigi ddikjarata miftuħa favur Eduardo Depasquale, Mariam Casha, Evelina sive Eve Arnett Depasquale, Josephine Mirabelli u Antoinette Price s-Suċċessjoni ta' oħthom Lorenza Depasquale, xebba, bint il-mejtin Joseph Depasquale u Catherine née West, imwielda Tas-Sliema, Malta, u kienet residenti l-Mosta, Malta, u u mietet l-Imsida, Malta, fil-31 ta' Mejju, 2020, ta' 73 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0642546M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 16th October, 2020, Application number 1326/2020 by Eduardo Depasquale et whereby they requested that it will be declared open in favour of Eduardo Depasquale, Miriam Casha, Evelina sive Eve Arnett Depasquale, Josephine Mirabelli and Antoinette Price the Succession of their sister, Lorenza Depasquale, unmarried, daughter of the late Joseph Depasquale and Catherine née West, born in Tas-Sliema, Malta, and resided in Mosta, Malta, and died in Msida, Malta, on the 31st May, 2020, aged 73, and who held identity card number 0642546M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 6 ta' Novembru, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 6th November, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1471

